*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IS-SEBA LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 84**

**Il-Tnejn 13 ta' Mejju 2019**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**84.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**84.1.1** Ma kien hemm l-ebda ittra t' apoloġija.

- *Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi l-liġi tal-Kunsilli Lokali nbidlet u waħda mit-tibdiliet li kien hemm, hija li l-laqgħat tal-Kunsill huma obligatorji li jkunu strimjati u rekordjati. Huwa kompla jgħid illi r-rekordjar tal-minuti ser ikunu on demand.*

**84.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 83 tal-15 t' April 2019:</u>***

Ma kien l-ebda korrezzjoni.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 3 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**84.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 11 paragrafu 83.9.1 jekk applikajniex għaż-*żebra crossings* ta' Triq Sant' Anna.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li bgħatna lil-Perit sabiex jgħamel il-pjanta u wara nkunu nistgħu napplikaw TMalta.

**84.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 11 paragrafu 83.9.4 jekk għandiex risposta fuq is-servizz tal-anzjani.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li nfurmawna illi ser issir iktar il-quddiem.

**84.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 3 paragrafu 83.2.6 rigward meta ser jibda jsir il-*patching*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi jkun aħjar jekk il-Kunsilliera jindikaw fejn jrid jsir il-*patching*. Huwa kompla jispjega illi talab lil Infrastructure Malta biex jgħidulna liema toroq għandhom ħsieb li jgħamlu biex jekk hemm xi toroq li aħna nafu li konna għamilna u saru bil-bażi b'kollox bħal parti minn Triq La Sengle ma jkunx hemm bżonn li ssir u jkun aħjar li ssir parti oħra. Huwa kompla jgħid li *Infrastructure Malta* ma rrispondewx għad-diversi emails tiegħu.

**84.2.3.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Triq id-Daħla ta' San Tumas hemm bżonn li jsirilha patching.

Il-Kunsill qabel li issir il-parti tal-bidu fejn is-*central strip* u ftit 'l fuq mil-luzzu.

**84.2.3.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li Pjazza Dun Tarcis Aguis ħdejn tal-ħaxix tinsab fi stat ħazin ħafna għaliex it-triq niżlet. Huwa qal ukoll li Triq Sant'Anna ukoll hemm bżonn li jsirilha l-*patching*.

Il-Kunsill is-Sur John B. Camilleri qal li żmien ilhu kien għadda mozzjoni sabiex nitolbu lil *Infrastructure Malta* sabiex jgħamlu pjan ħolistu li jikludi Pjazza Dun tarċis Aguis, Triq ix-Xatt u Triq Sant'Anna.

- *Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6.08pm*

Is-Sindku qal illi fi Triq Sant'Anna irridu noqogħdu attenti peress illi taħt il-ġnub tat-triq hemm il-kantini tar-ristoranti.

**84.2.3.3** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li Triq San Gwakkin il-Gvern ser jgħamel mis-*central strip* lejn il-BOV u l-parti mil-luzzu sas-*central strip* mhux ser issir u tinsab ukoll fi stat ħażin.

**84.2.3.4** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi Bellavista hemm bżonn ta' *patching* ukoll.

Huwa qal ukoll illi Triq tal-Gardiel hemm parti minnha li tinsab fi stat diżastrus ħafna u ma nsitgħux nistennew li issir min-naħa tal-Gvern peress li għad fadal xi jsir xoħol qabel ma ssir Triq tal-Gardiel. Huwa kompla jgħid li għadna bżonn ngħamlu pressjoni fuq din it-triq ma l-*Infrastructure Malta* u jekk ikun hemm bżonn issir min-naħa tal-Kunsill.

**84.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 4 paragrafu 84.2.10 rigward it-tneħħija tad-dgħajjes ta wara l-pixxina.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li tneħħew.

**84.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 6 paragrafu 83.3.7 rigward l-Inwadar u jekk għandiex informazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li l-ittra bagħtnija.

Is-Sindku qal li hu kien ra xi pjanti li qal li ser jinżeru xi siġar, u jsiru xi postijiet tal-bbq's.

**84.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 it-tielet paragrafu jekk għadniex risposta mingħand il-Kummissarju fuq l-istorbju li qed isir mill-istabbiliment fi Triq il-Qaliet.

Is-Segretarju Eżekuttuv qal li bgħatna l-ittra imma bqajna bla risposta.

**84.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 5 paragrafu 83.3.4 rigward il-palm ta' Triq is-Salini għaliex hemm palm maħruq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-palm diġa ġie diskuss u se jsir bil-proġett tal-Urban Greening.

**84.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 7 paragrafu 83.5.1 rigward it-*tender* ta' tisbiħ ta' Ġnien Sant'Anna.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegalu illi din l-offerta ser tiġi ikkanċellata peress li l-offerta xorta hija iktar għolja mil-*budget* u għaldaqstant ser toħroġ offerta oħra.

**84.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 7 paragrafu 83.5.2 rigward l-offerta tar-*rubber flooring* fiex wasal il-proċess.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kif jiskadi iż-żmien tal-appell jiġi iffirmat il-kuntratt u jiġu installat r-*rubber flooring* mill-ewwel għaliex il-kuntrattur għandu *in stock*.

**84.2.10** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 10 il-5 paragrafu rigward il-proposta tal-*mobile toilets* fil-Bajja San Tumas.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi dan is-sajf mhux ser nilħqu ngħamluhom peress li għad trid tintefa l-applikazzjoni l-ewwel lil Planning Authority.

Is-Sindku qal li għandna inkelmu lis-Sur Kevin Fsadni sabiex nitolbuh jekk nistgħux nikru *tlett mobile toilets* u jitnadfu ukoll temporanjament dan is-sajf u nistaqsuh jekk jagħtuniex rifużjoni tal-ispejjeż tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-aħjar isiru ħdejn il-*container* tal-Baħħara u Sajjieda.

Il-Kunsill qabel dwar dan

**84.2.11** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 2 paragrafu 83.2.3 rigward il-*master plan.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-reminder intbgħatet iżda għadna bla risposta.

**84.2.12** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 6 paragrafu 83.3.8 rigward l-impjant tar-riċiklaġġ jekk għandiex informazzjoni jekk hux ser jitneħħa u meta.

Is-Sindku qal illi l-*weekend* li għadda kien hawn il-Prim Minsitru f'Marsaskala fejn indirizza din il-materja u qal illi fi żmien 7 snin l-impjant ser jitneħħa.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spieri qal li qed jkun hemm riħa tintenn mir-riċiklaġġ speċjalment waqt il-ħin li t-tfal jkunu qed jitrenjaw,

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi Dr. Buhagiar kien irraporta għaliex ħaseb li l-problema kienet ġejja mir-*reception area*.

Is-Sindku qal illi huwa kien tkellem mas-CEO tal-Wasteserv u qallu illi l-problema hija peress li minn 4 *digestors* hemm 3 minnhom mhux jaħdmu.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li stramba li 3 *digestors* jiefqu f'daqqa.

Is-Sindku qal li is-CEO tal-Wasteserv assigurah illi mhux qed issir ħsara.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lil Dr. Buhagiar sabiex jgħidilna jekk l-problema tad-*digestors* hux qed tiġi indirizzata.

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li f'xi laqgħa preċedenti kienu tkelmu fuq id-dominju pubbliku u hu ġie infurmat illi sabiex titressaq din il-proposta trid issir minn membru parlamantari inkella tkun saret għalxejn.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard weġbitu illi kull sena issir applikazzjoni fuq id-dominju pubbliku fejn jilħqu applikazzjonijiet minn entitajiet, NGO's u anke minn sidien li għandhom l-artijiet privati u wara dawn l-applikazzjoni jitresqu mingħand il-Minsitru tal-Ambjent iżda l-liġi qeda mwaħla. Hija kompliet tgħid li min-naħa tal-Kunsill l-applikazzjoni tresqet kif suppost.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nerġgħu nibgħatu reminder.

**84.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**84.3.1** **<u>Żieda fil-prezz tal-kiri tal-uffiċini tal-Kunsill:</u>**

Is-Sindku qal illi sid il-post tal-uffiċċju amminsitrattiv tal-Kunsill qed titlob żieda fil-kera ta' €100 fix-xahar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jkun aħjar li nipprovaw nitolbuhom li għal żmien sentejn il-kera tibqa l-istess.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**84.3.2** **<u>Kwotazzjoni għal desk ġdida fil-customer care (35/1937/19/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi peress li fis-sajf jkun hemm 4 impjegati fil-*customer care* u hemm biss 3 *desks* allura ġibna kwotazzjoni biex jsir bank minflokk żewġ desks u ż-żewġ *desks* l-oħra jibqu fejn huma għaliex ma hemmx post fejn jżiedu desk oħra. Huwa kompla jgħid illi dan ser jsir forma ta' bank u jkun bil-ħġieġa fejn żewġ impjegati li jpoġġu

hemm jaċċettaw il-pagamenti u tnejn l-oħra jkun hemm waħda tirrispondi it-*telephone* u l-oħra taqdi in-nies.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li għandha ukoll l-bieb jsir bil-*push button* u għaldaqstant il-bieb jinfetaħ min-naħa tal-impjegati għaliex kif qiegħed m'hemmx sigurta`.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**84.3.3 <u>Proposta ta' ATM quddiem St Thomas Supermarket:</u>**

Is-Sindku qal illi sid dan is-*supermarket* talab sabiex jgħamel ATM fil-parapett tiegħu u tkun tista tintuża mill-pubbliku.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jekk hemm bżonn inżidu d-dawl.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**84.4 *<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**84.5 *<u>Rapporti:</u>***

**84.5.1 *<u>Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjoni MLC 01/2019 – Supply and Installation of Playground soft flooring:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għalkemm il-Kunsill fl-laqgħa preċedenti kien diġa approva minn qabel li din l-offerta tingħata lil orħos iżda riedna ngħadduwa mil-Kunsill per fini ta' minuti.

L-offerti kienu hekk kif imniżżel fit-tabella t'hawn taħt:

| Offer ID | Name of Quotationer | Financial Bid excl VAT € |
|---|---|---|
| 111079 | Urban Play Solutions | 8271.00 |
| 111053 | Fgl Commercial Sales Ltd | 9207.00 |
| 111003 | Opal (Outdoor Play and Leisure) | 9477.00 |
| 110875 | JGC playon Ltd | 31950.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi din l-offerta ġiet evalwata u l-orħos offerent li huwa Urban Play Solutions kien *administrative, technical and financial compliant.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tingħata lil Urban Play Solutions.

**84.5.2 *<u>Risposta tal-management letter għas-sena finazjarja li tintemm fil-31 ta' Diċembru 2018:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta r-risposta tal-*management letter* għas-sena finanzjarja 2018.

Il-Kunsill qabel mar-risposta tal-management letter.

**84.6 *<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>***

Ma kienx hemm items oħra.

**84.7** ***Korrispondenza:***

**84.7.1** **Talba għal no objection għal bumping cars u trampolene ġewwa art privata viċin il-Legends**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi dan ir-resident talab in-*no objection* tal-Kunsill sabiex jgħamel *bumping cars* u *trampoline* ġo art privata viċin il-ħanut Legends. Huwa kompla jgħid li kien spjegalu illi n-*no objection* ma tinħariġiex hekk iżda wara li tiġi diskussa waqt seduta tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel illi l-ewwel għandu jisottometti l-applikazzjonijiet lil awtoritajiet responsabbli fosthom il-Planning Authority, imbgħad wara għandha tiġi diskussa.

**84.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti:***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-petty cash għax-xahar ta' April 2019 u anke il-pagamenti li daħlu tard li huma imniżla hawn taħt.

1. Mr. Brian Farrugia – PA system during douzelage representative bin-numru tal-invoice 2023 li jammonta għal €350.
2. Mrs. Graziella Mallia – Service of Librarian March 19 bin-numru tal-invoice 82 li jammonta għal €333.00.
3. J.V Meli – Led Bulbs bin-numru tal-invoice INV 170701 li jammonta għal €749.00.
4. ABT Hotels and Catering Services Ltd – Urinal Blocks bin-numru tal-invoice 034091 li jammonta għal €157.20.
5. Koperattiva Tabellu u Sinjali – Tabelli u stickers bin-numru tal-invoices 25306, 25305, 25304 li jammontaw għal €1555.37
6. Perit Kylie Ann Borg Marks – Evalution board member bin numru tal-invoice 19/03 li jammonta għal €518.75.
7. Ecopure Ltd – Water for council bin-numru tal-invoice 778282 li jammonta għal €17.20

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**84.9** **Mozzjonijiet:**

**84.9.1** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar (191 – 30/4/19):**

*"Wara li nhar il-Ħadd li għadda kellu laqgħa mal-plejers u diriġenti tal-kumitat ta' Marsaskala Football Club, irriżulta li dan il-klabb għandu iżjed minn €12,000 f' kowċing lin-nursery fis-sena. Għaldaqstant is-Sindku qed jipproponi biex il-Kunsill jerfa parti minn din l-ispiża u tingħata s-somma ta' €4000 kull sena lill klabb biex b'hekk nkomplu nedukaw iż-żgħażagħ tagħna fil-logħba tal-futboll."*

Rigward din il-mozzjoni kien hemm diskussjoni sabiex it-talba issir min-naħa tal-Klabb. Peress li l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri huwa l-amministratur tan-*nursery* tal-klabb tal-futboll inkarigawh sabiex jikteb riskjesta forsmali f'isem il-klabb u ġiet ippreżentata waqt l-istess seduta.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex tibgħata is-somma ta' €4000 fis-sena lin-*nursery* tal-klabb fuq il-kriterju li dawn se jmorru għat-talim u allura in regola ma artiklu 33 tal-liġi.

**84.9.2** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Charlot Mifsud u ssekondata mis-Sindku (192 – 2/5/19):**

*"Jipproponi sabiex il-karozza tal-linja Nru 204 li tmur l-isptar tibda titla iż-Żonqor minflokk idawwar mal-Pjazza bħal ma tagħmel tal-linja Nru 92."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**84.9.3** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri (193 – 2/5/19):</u>**

*"Jipproponi li jissebbaħ it-Tower Path biswiet il-Lukanda Ċervjola wara li kellu laqgħa ma grupp ta' residenti minn dan l-isqaq u dawn huma l-proponimenti li saru:*

- *Li jiġu nstallati bollards f'kull entratura.*
- *Tinżebaħ l-art.*
- *Jiżdiedu planters jew siġar.*
- *Issir diskussjoni mas-sid tal-Lukanda Ċervjola sabiex isir tisbiħ fil-parti tal-isqaq li tagħmel miegħu".*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan. Il-bollard ser jkunu jistgħu jinqalgħu f'kas t'emerġenza u kien kemm qbil ukoll li jsir id-dawl mal-ħajt.

**84.9.4** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (194 – 2/5/19):</u>**

*"Jipproponi illi nagħtu dehra ġdida l-bankijiet ta' Ġnien San Tumas billi nibdluhom għal-kuluri aktar vivaci. Dawn jinbarxu u jinżebgħu mill-ġdid mill-ħaddiema tal-Fondazzjoni għat-tiżbieħ taż-żoni turistiċi."*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li dawn jirrikjedu ħafna manutenzjoni u l-Kunsill ma għandux riżorsi sabiex jinżammu fi stat tajjeb.

Is-Sindku wieġbu li dawn l-MTA ser jieħdu ħsiebhom.

Il-Kunsill qabel umanimament li jsir *sample* ta' bank wieħed u wara tittieħed deċiżjoni jekk jsirux.

**84.9.5** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard (195-6/5/19):</u>**

*"Jipproponi li tigi installata traffic mirror fi Triq il-Qaliet għal min ikun ħiereġ min Triq il-Lampuka minħabba li hemm il-liwja u qeda ta periklu għal min ikun ħiereġ min hemm."*

Il-Kunsill qabel dwar dan

**84.9.6** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard (196-6/5/19):</u>**

*"Jipproponi li fil-Bidni ikun hemm ftit tabelli li jindikaw id-direzzjoni biex toħroġ min fejn it-tlett slaleb lejn Triq iż-Żafran u l-kontra."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan kif ukoll li tindiel l-isem tat-tabella Bidni għaliex iċċarat biż-żmien.

**84.9.7** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier Sandro Gatt (197-6/5/19):</u>**

*"Jipproponi li fi Triq tal-Gardiel in- naħa Triq ta' Gidwet fejn hemm il-Bus stop intawlu id-double yellow line għax it-triq tidjieq u l-karrozzi ma jistgħux jagħddu fil-linja tagħhom jekk ikun hemm il-karrozzi pparkjati."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**84.9.8** **<u>Is-Sindku ressaq mozzjoni b'urġenza u ġiet issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud li taqra hekk kif ġej:</u>**

*Nipproponi biex il-11 ta' Mejju ta' kull sena jibda jitqies bħala il-Jum Sportiv għall-Marsaskala. Marsaskala Sports Day. Dan peress illi Marsaskala gwadanjat minn żewġ proġetti kbar fl-sitorja ta' Marsaskala. Somma ta' €6.7 miljuni mill-Gvern Ċentrali f'waterpolo pitch u grawnd tal-futboll.*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi peress illi l-11 ta' Mejju taf taħbat mal-Mother's Day allura d-data tkun aħjar jekk issir ġurnata qabel il-Mother's Day cioe is-sibt.

Il-Kunsill qabel unanimament illi Marsaskala Sport Day tkun ġurnata qabel il-Mother's Day.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ried jagħmel premessa fuq din il-mozzjoni illi hu jaqbel li l-investiment kellhu jkun fuq il-pixxina eżistenti sabiex b'hekk ma titteħidx *area* oħra biex issir il-pixxina u jiġi salvagwardjat Żonqor.

➢ Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri talab sabiex nitolbu kopja tal-pjanti tal-proposta tal-Waterpolo l-pitch il-ġdid.

**84.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2019 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 13 ta' Mejju 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |